# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR



**JANNAR 2022– Ħarġa Nru:**

*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## NOĦORĠU T-TAJJEB …

Għal darb'oħra, l-awguri li tajna 'l xulxin fil-bidu ta' sena ġdida huma xi ftit imċajpra. Għalkemm konna qed naħsbu li l-pandemija bdiet tittaffa u n-numri ta' każi ġodda kien kważi niżel fix-xejn, u bdejna naqbdu t-triq "għan-normalità", f'daqqa waħda l-Covid-19 bdiet terġa' tgħolli rasha. Mal-Ewropa kollha reġgħu bdew iseħħu miżuri ġodda u f'uħud mill-pajjiżi, restrittivi sew. Bħalissa l-gvernijiet qed iwettqu programmi estensivi għall-għoti tal-vaċċin lil kemm jista' jkun nies.

Kulħadd qed ikollu jirrevedi l-pjanijiet tiegħu. Ħafna għaddew il-Milied jew l-Ewwel tas-sena, kwarantina. Bħal donnu qed nirrassenjaw ruħna li dan il-virus m'aħniex se nistrieħu minnu!

Jekk il-virus hux se jħallina jew le għadna ma nafux, imma l-gwaj ikun jekk aħna ma nitgħallmu xejn minn din l-esperjenza.



**X'tip ta' normalità?**

Jekk in-normalità tibqa' tfisser: ħajja mgħaġġla, stress fuq ir-relazzjonijiet tal-familja u l-ħbieb, u taqlib fil-klima, imsieken aħna!

Meta għaddejna mil-lockdowns jew il-kwarantini, żgur li esperjenzjajna ħin ta' kwiet u aktar ħin mal-familja fejn ħarġet aktar il-krejattività bejn il-membri; żgur li dħalna daħla fina nfusna u għamilna eżami tagħna nfusna jekk aħniex nilħqu l-għan ta' ħajjitna jew le. Urejna aktar solidarjetà, speċjalment ma' dawk li kienu għaddejjin minn żmien diffiċli minħabba l-pandemija.

**Aktar riflessivi**

Kemm għandna bżonn f'din is-sena ġdida nsiru nies aktar riflessivi! Importanti li nirriflettu fuq il-ħajja l-imgħoddija tagħna biex dak li għamilna sew, inkattruh u nkomplu nibnu fuqu u, l-iżbalji li wettaqna nippruvaw nevitawhom.

Irridu wkoll naraw x'hemm f'ħajjitna li nistgħu ngħaddu mingħajru, biex niddedikaw aktar ħin għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet tagħna. Jista' jkollna kollox, imma jekk għandna relazzjonijiet imxellfin, ma jista' qatt ikollna l-paċi f'qalbna.

Irridu nirriflettu wkoll dwar x'nistgħu noffru lis-soċjetà. Ħażin jekk ningħalqu biss fil-bżonnijiet tagħna nfusna u f'dawk tal-familji tagħna. Aktar ma nwessgħu l-orizzonti

tagħna, aktar nimmaturaw u nsiru nies aktar ġenerużi.

**Aktar inklussivi**

Forsi din is-sena nagħmlu mezz biex insiru aktar inklussivi. Hekk kif is-soċjetà għamlet passi kbar 'il quddiem biex tinkludi lil ċerti kategoriji ta' nies, ngħidu aħna dawk b'abbiltajiet differenti, persuni LGBTIQ, hekk ukoll nagħmlu ma' dawk li huma barranin fostna. Aktar ma nitkellmu magħhom aktar nindunaw kemm huma nies umani bħalna. Kollha għandhom l-istorja partikulari ta' ħajjithom x'jirrakkuntaw. Ejjew nisimgħuha u nindunaw li taqbel ħafna ma tagħna!

Nawgura lil kulħadd li f'din is-sena, nisimgħu aktar mill-qrib il-Kelma t'Alla u minnha nisiltu r-riedu tiegħu għalina ħa nwettquha fiċ-ċirkostanzi kollha ta' ħajjitna. Jekk nagħmlu dan, din is-sena tkun waħda ta' suċċess!

Inselli għalikom ilkoll.

**Dun Evan**

## NILTAQGĦU NHAR … JANNAR 2022

**Sibt 1:** **Solennità tal-Imqaddsa Vergni Marija, Omm Alla**
**Ħadd 2:** **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej.** Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni Solenni, purċissjoni bil-Bambin u barka Sagramentali.
**Ġimgħa 7:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Wara l-quddiesa tas-6.00pm, ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali.
**Ħadd 9:** **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**
**Tnejn 10:** **L-406 sena mit-twaqqif tal-parroċċa.** Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr
**Ħadd 16:** **It-Tieni Ħadd tas-sena**
**Tnejn 17:** San Anton, abbati – Tifkira O
**Tlieta 18:** *Jibda l-Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda bejn il-Knejjes Insara*
**Ġimgħa 21:** Sant'Anjeze, verġni u martri – Tifkira O
**Sibt 22:** San Publiju, Prinċep ta' Malta – Tifkira O
**Ħadd 23:** **It-Tielet Ħadd tas-sena**
**Tnejn 24:** San Franġisk ta' Sales, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Tlieta 25:** Il-Konverzjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl – Festa
**Erbgħa 26:** San Titu u San Timotju, isqfijiet – Tifkira O
**Ġimgħa 28:** San Tumas ta' Aquino, presbiteru u duttur tal-Knsija – Tifkira O
**Ħadd 30:** **Ir-Raba' Ħadd tas-sena**
**Tnejn 31:** San Ġwann Bosco, presbiteru – Tifkira O
N.B. Kull nhar ta' Ħadd fil-11.30am issir quddiesa apposta għall-Familji

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Jannar 2022**



"Nitolbu għal dawk li qed ibatu minn diskriminazzjoni u persekuzzjoni minħabba r-reliġjon. Nittamaw li d-drittijiet u d-dinjità tagħhom ikunu rrispettati għax huma aħwa fil-familja umana".

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Krispinu Attard (90), Emmanuel Darmanin (60), Louis Muscat (72), Ronnie Ghiller (48), Georgina Bugeja (69), Carmel Previ (72), Joseph Bonnici (73), Vincenzo Festari (72), Francesco Axiaq (94), Emmanuel Vella (82), Paola Scicluna (79), Catherine Zammit (76), Antonia Zammit (76), Emmanuel Gerada (89), Joseph Delia (90), Rita Farrugia (82), Maria Anna Scicluna (74), Louis McKay (51), Carrie Cassar (81), Maria Agius (90), Rosina Buhagiar (85), Anthony Briffa (62), Simon Zaffarese (79).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*